**26 ta' Settembru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Onor. Perit Michael Falzon B.Arch., A&C.E., M.P.

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Rappresentanza Legali – Dritt għall-Avukat – Imputat,**

**ta' l-Għażla – Dritt tal-Proċeduri Kriminali – Membru tal-Parlament – Avukat**

*Fil-Qorti tal-Maġistrati l-imputat deher f'kawża kriminali assistit minn avukat li kien membru tal-Parlament. Il-Qorti ddegretat li l-imputat ma setax ikun hekk assistit billi dan kien imur kontra l-artikolu 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-imputat issolleva kwistjoni kostituzzjonali billi ħass li dan kien jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u l-Qorti tal-Maġistrati rreferit il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għad-deċiżjoni tagħha. Il-Prim'Awla ddisponiet mill-kwistjoni billi rriteniet li ma kien hemm ebda konflitt lejn l-artikolu 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Fuq appell il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u sabet li l-artikolu 79 fuq imsemmi kien inkostituzzjonali. Il-Qorti rriteniet li l-Kostituzzjoni tagħti lill-imputat id-dritt li jagħżel hu r-rappresentanza legali tiegħu. Il-kliem "by a legal representative" użati fil-Kostituzzjoni ma jistgħux ħlief ifissru l-istess ħaġa bħall-kliem "through legal assistance of his own choosing" użati fil-Konvenzjoni Ewropeja. Wara dak li ntqal il-Qorti daħlet fil-kwistjoni jekk artikolu 79(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili jmur kontra l-artikolu 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni. Art. 39(6) tal-Kostituzzjoni bħall-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropeja jirrigwarda persuni li jkunu akkużati b'reat kriminali biss. Il-Qorti kkonkludiet illi fl-ebda każ ma jista' jingħad li l-art. 39(6)(ċ) jista' jmur kontra l-każijiet imsemmija fl-art. 79(3)(a) għax dawn espressament ma jirrigwardawx proċediment ta' xorta kriminali. Tabilħaqq fid-deċiżjoni ARTICO vs ITALY il-Kummissjoni Ewropeja rriteniet li l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropeja "guarantees a right recognised as an essential feature of the concept of a fair trial. That provision guarantees to an accused person that proceedings against him will not take place without an adequate representation of the case for the defence. It guarantees the right to an effectual defence either in person or through a lawyer....." Il-Qorti kienet tal-fehma li l-prinċipji fuq ċitati stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropeja japplikaw f'materja kriminali anke fil-każ ta' l-art. 39(1) tal-*

*Kostituzzjoni tar-Repubbblika ta' Malta". Min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39(1) u huwa għalhekk għandu dritt għal 'adequate representation' u d-dritt 'to an effectual defence', u jekk dan id-dritt tiegħu jkun qed jiġi negat b'leġislazzjoni, dik il-leġislazzjoni tkun qiegħda hemm kontra l-Kostituzzjoni.*

*B'hekk il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-imsemmi artikolu 79(2), in kwantu jolqot l-għażla ta' avukat fi proċessi kriminali fil-każijiet stabbiliti fis-subartikolu sussegwenti (i.e. 3(b)(ċ)) huwa in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni.*

*Il-Qorti sostniet li hija ħaġa nota li n-numru tal-membri tal-klassi legali li jipprattikaw l-avukatura huwa pjuttost żgħir u li fost dawn l-avukati ftit huma l-avukat li jipprattikaw fi proċessi kriminali, speċjalment f'kawżi ta' l-entità tal-gravità bħal dawk imsemmija fl-artikolu 79(3)(b)(ċ). Hija ħaġa nota wkoll li ħafna minn dawn l-avukati li jipprattikaw f'kawżi kriminali ta' din l-entità u gravità huma membri tal-Parlament Malti. Il-konsegwenza ta' dan hija li bħala effett ta' l-art. 79(2) in kwantu jirrigwarda l-każijiet kriminali kkontemplati fl-art. 79(3)(b)(ċ), kif fuq interpretat jiġi ristrett ħafna b'mod li fil-fehma kkunsidrata tal-Qorti, huwa jista' ma jkollux rappresentanza legali adegwata u effettiva li tant hija neċessarja sabiex ikollu dak is-smigħ xieraq ('fair hearing') li l-Kostituzzjoni tagħna fl-art. 39(1), bħall-Konvenzjoni Ewropeja fl-art. 6(1), trid li tiggarantilu.*

Il-Qorti: –

Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qorti ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) li biha ġab quddiem dik il-Qorti l-inkartament tal-kawża kriminali fuq imsemmija skond l-ordni magħmul mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, skond l-inċiż 5 ta' l-Avviż Legali numru 48 ta' l-1964;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-12 ta' Diċembru 1979, li kien iddikjara li l-Onor. Dr. De *Marco minħabba* l-provvedimenti ta' l-art. 77(3)(ċ)(iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax jirrappreżenta lill-Onor. Falzon f'din il-kawża;

Rat l-ordni ta' riferenza magħmul minn dik il-Qorti li kien *fis-sens li:*

"Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru 1979, li permezz tiegħu ddikjarat li l-Onorevoli Dottor De Marco *minħabba* d-disposizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax jirrappreżenta lill-Onor. Perit Falzon f'din il-kawża;

"Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Diċembru 1979 li sar wara li ngħata *l-imsemmi digriet minn* fejn jirriżulta li Dottor Giovanni Bonello għall-Perit Falzon issottometta biss limitatament li l-artikolu 77(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in kwantu jolqot l-għażla ta' difensur fi proċessi kriminali stabbiliti mis-subartikolu sussegwenti huwa in vjolazzjoni ta' l-artikolu 40(6)(b)(ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u *għaldaqstant talab ir-riferenza* prevista *mill-artikolu* 47(3) tal-Kostitzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni fuq dan il-punt;

Ikkunsidrat:

Illi skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi 'jekk f'xi proċedura f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta'

l-imsemmija artikoli 34 sa 46 (magħdudin), dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja'';

Illi l-artikolu 40(6)(b) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

Illi l-artikolu 40(6)(ċ) jistabbilixxi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappresentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappresentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappresentanza bi spejjeż pubbliċi;

Illi l-kontestazzjoni ta' l-imputat Falzon hi fis-sens li l-artikolu 77(2) tal-Kodiċi msemmi u li ġie applikat minn din il-Qorti fid-digriet tagħha preċedenti għal dan imur kontra dawn iż-żewġ provvedimenti tal-Kostituzzjoni billi jippreklludih milli jkollu jippartroċinah avukat li jagħżel hu, avukat ta' fiduċja;

Illi l-uffiċjal prosekutur issottometta li ma jeżistix fil-Kostituzzjoni tagħna d-dritt ta' persuna akkużata li dejjem tagħżel id-difensur tagħha u li kieku l-leġislatur ried jippreserva dan id-dritt ma kienx iħalli barra l-kliem *''of his own choosing''* li jeżisti fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani;

Illi mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tistabbilixxi dan id-dritt jeżistix jew le skond l-artikolu 40 imsemmi iżda biss li tara jekk il-kontestazzjoni ta' l-imputat Falzon hix frivola u vessatorja;

Illi tħares minn fejn tħares lejha, taħt l-ebda ċirkostanza ma tista' din il-Qorti taċċetta jew taqbel li l-kwistjoni ssollevata minn Dr. Bonello hi frivola jew vessatorja anzi tippostula punt legali serju u fundamentali fil-kamp tad-dritt penali li aħjar jiġi deċiż darba għal dejjem;

Illi għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li r-rekwiżiti ta' l-artikolu 47(3) tal-Kostituzzjoni huma sodisfatti u *konsegwentement tibgħat din il-kwistjoni* quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi ttrattata u deċiża. Ir-Reġistratur ta' din il-Qorti għandu jieħu ħsieb li jittrasmetti l-atti kollha ta' din l-istanza u kopja ta' dan id-digriet lil dik il-Qorti mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru, 1979;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 1983, li biha ddeċidiet li ma hemmx il-konflitt *allegat bejn it-tieni inċiż ta' l-artikolu 77 tal-Kodiċi ta'* Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili u l-artikolu 40(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u ordnat li permezz tar-Reġistratur l-inkartament jerġa' jintbagħat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti (il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta) biex jitkompla mill-istudju li kien fih qabel ma ntbagħat lil dik il-Qorti u dana wara li:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Onorevoli Perit Michael Falzon li bih għar-raġunijiet tiegħu u tirrevoka s-sentenza appellata tad-29 ta' Lulju 1983 billi tiddikjara li l-liġi mpunjata tilledi d-dritt kostituzzjonali protett mill-art. 40(6)(ċ) fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat il-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fid-19 ta' Awissu 1983;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Ittratt l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell jistgħu jiġu kkompendjati b'dan il-mod: L-Onorevoli Perit Michael Falzon bħala editur u ħaddieħor bħala stampatur tal-gazzetta *"The Democrat"* kienu ġew akkużati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija ta' Malta talli ppublikaw, stampaw, biegħu, offrew għall-bejgħ, qassmu u esibew materja sedizzjuża. Wara li fit-12 ta' Diċembru 1979 ingħata digriet fis-sens li l-Onorevoli Dottor Guido De Marco minħabba l-provvediment ta' l-artikolu 77(3)(ċ)(iv) illum l-artikolu 79(3)(ċ)(iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma setax jirrappreżenta lill-Onorevoli Michael Falzon f'dik il-kawża, b'verbal ta' dak inhar stess l-Onorevoli Falzon iddikjara li l-Avukat Dr. Guido De Marco kien l-avukat ta' fiduċja tiegħu u għalhekk xtaq jimpunja bil-metodi li ttih il-liġi l-istess digriet fuq bażi kostituzzjonali u fil-fatt, kif jidher ukoll mill-verbal tas-seduta ta' l-istess data d-difensur tiegħu, limitatament għal din il-kwistjoni, issottometta li l-art. 77(2) tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in kwantu jolqot l-għażla ta' difensur fi proċessi kriminali stabbiliti mis-subartikolu sussegwent huwa in vjolazzjoni ta' l-artikolu 40(6)(b)(ċ) (illum 39(6)(b)(ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk talab ir-riferenza prevista mill-art. 47(3) (illum

46(3)) tal-Kostituzzjoni. L-imsemmija talba ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati b'digriet ieħor ta' l-14 ta' Diċembru 1979;

Fil-fatt il-kwistjoni hekk issollevata nġiebet mir-Reġistratur tal-Qorti b'nota tas-17 ta' Diċembru, 1979 *quddiem* il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha. Dik il-Qorti b'deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 1983 iddeċidiet li m'hemmx *il-konflitt allegat* bejn it-tieni inċiż ta' l-artikolu 77 (illum 79) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-artikolu 40(6)(ċ) (illum 39(6)(ċ)) tal-Kostituzzjoni. Minn din *id-deċiżjoni* qed isir l-appell preżenti;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 39(6)(ċ) (ġà l-art. 40(6)(ċ)) tal-Kostituzzjoni jiddisponi fit-test Malti li "kull min ikun akkużat b'reat kriminali.....(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappresentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappresentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappresentanza bi spejjeż pubbliċi" u fit-test Ingliż li *"every person who is charged with a criminal offence.....(c) shall be permitted to defend himself in person or by his legal representative and a person who cannot afford to pay for such legal respresentation as is reasonably required by the circumstances of his case shall be entitled to have such representation at the public expense"*;

L-ewwel kwistjoni li għandha tiġi eżaminata u deċiża mill-Qorti hija jekk id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni tagħtix jew le lill-akkużat id-dritt li jagħżel hu r-rappresentanza legali tiegħu;

Meta wieħed jipparaguna dina d-disposizzjoni mad-disposizzjoni analoga (art. 6(3)(ċ)) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, għall-ewwel jidher li f'dan ir-rigward hemm differenza bejn il-Kostituzzjoni tagħna u l-imsemmija Konvenzjoni fis-sens illi fil-waqt li l-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropeja *inter alia* juża l-kliem *"through legal assistance of his own choosing"*, l-art. 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni juża l-kliem *"by a legal representative"* mingħajr ma juża wkoll il-kliem *"of his own choosing"* jew kliem simili;

Fil-fehma tal-Qorti, però, ma hemm in sostanza l-ebda differenza. Minn eżami ta' l-artikolu 39(6)(ċ) jidher li l-Kostituzzjoni qiegħda tikkontempla tliet ipotesijiet:

(1) *meta* l-akkużat *jiddefendi* ruħu *"in person"*;

(2) meta jiddefendi ruħu permezz ta' *"legal representative"* u

(3) meta, fl-ipotesi li ma jkunx jista' jħallas għal rappresentanza legali, ikollu dritt li jkollu dik ir-rappresentanza bi spejjeż pubbliċi;

Id-differenza bejn l-ipotesi taħt (2) u l-ipotesi taħt (3) hija bbażata fuq iċ-ċirkostanza jekk l-akkużat jistax iħallas għar-rappresentanza legali. Jekk ikun jista' jħallas għar-rappresentanza legali, l-ipotesi tkun dik taħt in-numru (2). Jekk ma jkunx jista' jħallas, l-ipotesi tkun dik taħt in-numru (3);

Mela fl-ipotesi taħt in-numru (2) l-akkużat iħallas għar-rappresentanza *legali tiegħu. Il-fatt li huwa jħallas jimporta,* fil-

fehma tal-Qorti, id-dritt li huwa jagħżel għal dak li jħallas, i.e. id-dritt li jagħżel ir-rappresentanza legali li għaliha huwa jkun qed iħallas;

Kwindi l-kliem *"by a legal representative"* użati fil-Kostituzzjoni ma jistax ħlief ifissru l-istess ħaġa bħall-kliem *"through legal assistance of his own choosing"* użati fil-Konvenzjoni Ewropeja. F'dan ir-rigward u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula l-Qorti qiegħda taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

Jinkombi issa lill-Qorti li teżamina u tiddeċidi l-kwistjoni jekk l-artikolu 79(2) (ġà l-art. 77(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili *jmurx* kontra l-art. 39(6)(ċ) (ġà l-art. 40(6)(ċ)) tal-Kostituzzjoni;

Oriġinarjament l-art. 77 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 Ediz. Riv. 1942) kien jiddisponi li "Ħadd ma jista' jeżerċita l-professjoni ta' avukat fil-Qrati tal-Ġustizzja tal-Gżira ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Gvernatur mogħtija b'*warrant* taħt is-Siġill Pubbliku ta' Malta". L-art. 79 ta' l-istess Kodiċi (Kap. 15 Ediz. Riv. 1942) imbagħad kien jelenka l-"kwalifiki għall-*warrant*" – fit-*test* Ingliż: *"qualifications for obtaining warrant"* – (dawn il-kliem huma użati mil-liġi stess fil-*"marginal note")*. L-imsemmi art. 77 ġie sostitwit b'artikolu ġdid bl-att XXVII ta' l-1977. Dan l-artikolu ġdid (illum l-art. 79 tal-Kap. 12, Ediz. Riv. 1984) huwa maqsum f'erba' subartikoli:

(a) Is-subartikolu (1) li jiddisponi li "Ebda persuna ma tista' teżerċita l-professjoni ta' avukat fil-Qrati tal-Ġustizzja f'Malta mingħajr l-awtorità tal-President mogħtija b'*warrant* taħt is-Siġill Pubbliku ta' Malta", li in sustanza jaqbel ma' l-art. 77 oriġinali;

(b) Is-subartikoli (2)(3) u (4) li ntroduċew kunċett ġdid fis-sens li minkejja kull awtorità mogħtija kif jintqal fis-subartikolu (1), ebda persuna ma tista', fil-waqt li tkun membru tal-Parlament, teżerċita l-professjoni ta' avukat f'xi Qorti tal-Ġustizzja f'Malta f'xi wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (3) jew xort'oħra taġixxi bħala avukat f'xi kwistjoni li wieħed raġonevolment jista' jistenna li twassal għal jew tispiċċa f'xi każ minn dawk. Dawn il-każijiet, kif jidher minn eżami tas-subartikolu (3) huma numerużi ħafna u jolqtu *inter alia* diversi każijiet kriminali, fosthom anke l-każ kriminali li fih ir-reat ikun kontra xi liġi li jkun fiha disposizzjoni biex tirregola, tikkontrolla jew tkun xort'oħra dwar sedizzjoni....." (art. 79(3)(ċ7(iv);

Artikolu 79 tal-Kap. 15 Ediz. Riv. 1942 ġie emendat f'ċerti kwalifiki mill-Att LXII ta' l-1948 u XX ta' l-1968 iżda ma ġie bl-ebda mod emendat bl-isemmi Att XXVII ta' l-1977 meta saru l-emendi fuq imsemmija fl-artikolu 77. Għalhekk ilu bħala l-art. 81 tal-Kap. 12, Ediz. Riv. 1984 huwa għadu jelenka l-kwalifiki għall-*warrant* li kien jelenka bħala l-art. 79 tal-Kap. 15, Ediz. Riv. 1942, kif emendat bl-imsemmi Att LXII ta' l-1948 u l-imsemmi Att XX ta' l-1968;

Ikkunsidrat:

Għandu jiġi nnotat fl-ewwel lok illi l-art. 39(6) tal-Kostituzzjoni jirrigwarda persuni li jkunu akkużati b'reat

kriminali. *Id-drittijiet imsemmija f'dak is-subartikolu* huma salvagwardati lill-persuni akkużati b'reat kriminali u kwindi l-art. 39(6) ma jistax jiġi invokat fi proċeduri ta' natura ċivili. Dan kien ġie wkoll ritenut fir-rigward tad-disposizzjoni analoga tal-Konvenzjoni Ewropeja, ċjoè l-artikolu 6(3). Kif josserva l-Fawcett, *The Application of the European Convention on Human Rights, pag. 191 (Tielet Ediz. 1987): "In the first place, it is limited to criminal proceedings and no claims can be made under it in civil or administrative litigation" (footnote 2, 3944/69 (F.R.G.) 33 Recuiel 5).* Isegwi għalhekk li fl-ebda każ ma jista' jingħad li dawk id-disposizzjonijiet ta' l-art. 79 tal-Kap. 12. Ediz. Riv. 1984, li ma jirrigwardawx proċediment ta' xorta kriminali, imorru kontra l-art. 79(3)(a) tal-Kostituzzjoni. Eżami tal-każijiet imsemmija fl-art. 79(3) juri li l-każijiet hemm ikkontemplati huma kollha ta' natura kriminali ħlief dawk imsemmija fl-art. 79(3)(a) u għalhekk il-Qorti tikkonkludi f'dan ir-rigward illi fl-ebda każ ma jistax jingħad li l-art. 39(6)(ċ) jista' jmur kontra l-każijiet imsemmija fl-art. 79(3)(a) appuntu għaliex dawn espressament ma jirrigwardawx proċediment ta' xorta kriminali;

Kwantu għall-każijiet fl-art. 79(3) li huma ta' natura kriminali, ċjoè l-każijiet taħt l-inċiż (b) u (ċ) ta' l-istess art. 79(3) il-Qorti tirrileva li l-Kummissjoni Ewropeja fil-kawża X *against The Federal Republic of Germany,* 6 ta' Marzu, 1962 *(Application No. 722/60: 5 Yearbook 104)* osservat li *".....the right to defend oneself through legal assistance of one's own choosing, as guaranteed by article 6, paragraph (3) subparagraph (c) of the Convention to everyone charged with a criminal offence, is not an absolute right but limited by the right of the State concerned to make regulations concerning the appearance of lawyers before the Courts; whereas therefore the State has full discretion to exclude lawyers from appearing before the*

*Courts.....";*

Fil-kummenti tiegħu dwar l-imsemmija deċiżjoni l-Fawcett *op. cit.* josserva (paġ. 191) *"But this discretion must, it is believed, be exercised in good faith, and not so as to deny a fair hearing under article 6(1)"*. U ta' min josserva wkoll li f'deċiżjoni sussegwenti Artico *vs* Italy (ċitata minn Sieghart, *The International Law of Human Rights,* Ediz. 1983), il-Kummissjoni Ewropeja rriteniet li l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropeja *"guarantees a right recognised as an* essential feature of the concept of a fair trial. That provision *guarantees to an accused person that proceedings against him will not take place without an adequate representation of the case for the defence. It guarantees the right to an effectual defence either in person or through a lawyer....."*;

Il-Qorti hi tal-fehma li l-prinċipji fuq ċitati stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropeja japplikaw f'materja kriminali anke fil-każ ta' l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt għal smigħ xieraq (*"fair hearing"*) taħt l-artikolu 39(1) u huwa għalhekk għandu dritt għal *"adequate representation"*, għandu d-dritt *"to an effectual defence"*, u jekk dan id-dritt tiegħu jkun qed jiġi nnegat b'leġislazzjoni, dik il-leġislazzjoni tkun qiegħed tmur kontra l-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rriflettiet fit-tul fuq il-kwistjoni rriferita lilha u tasal għall-konklużjoni illi l-imsemmi artikolu 79(2), Kap. 12, Ediz. Riv. 1984, in kwantu jolqot l-għażla ta' avukat fi proċess kriminali fil-każijiet stabbiliti fis-subartikolu sussegwenti (i.e.

(3)(b)(ċ)) huwa in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u dana għal dawn ir-raġunijiet;

Il-kwistjoni għandha tiġi deċiża fl-isfond taċ-ċirkostanzi speċjali li jeżistu f'Malta (għax wara kollox id-deċiżjoni tirrigwarda liġi ta' Malta u Kostituzzjoni ta' Malta) iżda anke fid-dawl tal-prinċipji fuq ċitati billi, kif inhu magħruf, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, il-Kostituzzjoni tagħna hija ispirata bil-prinċipji salutari tal-Konvenzjoni Ewropeja, iktar u iktar f'dan il-każ meta l-art. 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni tagħna huwa simili għall-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Issa hija ħaġa nota (u l-Qorti għalhekk tista' tieħu 'judicial notice' tagħha) li *n-numru tal-membri tal-klassi legali li jipprattikaw l-avukatura* huma l-avukati li jipprattikaw fi proċessi kriminali, speċjalment f'kawżi ta' l-entità tal-gravità bħal dawk imsemmija fl-artikolu 79(3)(b)(ċ). Hija ħaġa nota wkoll li ħafna minn dawn l-avukati li jipprattikaw f'kawżi kriminali ta' din l-entità u gravità huma membri tal-Parlament Malti. Il-konsegwenza ta' dan hija li bħala effett ta' l-art. 79(2) in kwantu jirrigwarda l-każijiet kriminali kkontemplati fl-art. 79(3)(b)(ċ), id-dritt ta' għażla ta' avukat mgħoti lill-akkużat bl-art. 39(6)(ċ) kif fuq interpretat, jiġi ristrett ħafna b'mod li fil-fehma kkunsidrata *tal-Qorti*, huwa *jista'* ma jkollux rappresentanza legali adegwata u effettiva li tant hija neċessarja sabiex ikollu dak is-smigħ xieraq *("fair hearing")* li l-Kostituzzjoni tagħna fl-art. 39(1) bħall-Konvenzjoni Ewropeja fl-art. 6(1)) trid li tiggarantilu. Għalhekk meta l-appellant l-Onorevoli Perit Michael Falzon ġie pprivat mill-avukat ta' fiduċja tiegħu bħala difensur fil-kawża kriminali fuq imsemmija, huwa kien qed jiġi pprivat minn dak il-*"fair hearing"* li hu ntitolat għalih skond il-Kostituzzjoni fis-sens li ġie pprivat minn dak l-*"adequate representation"* u *"efficient defence"* li għandu dritt għalihom;

In vista tal-konklużjoni fuq raġġunta, il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tidħol f'aspetti oħra tal-kwistjoni;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tiddeċidi minflok billi tiddikjara li l-kliem "permezz ta' rappresentant legali" fl-artikolu 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni jimportaw ukoll li l-akkużat, għar-raġunijiet fuq imsemmija, għandu dritt li jagħżel l-avukat tiegħu u billi tiddikjara wkoll li l-artikolu 79(2) u (3) tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 Ediz. Riv. 1984) in kwantu jirrigwarda każijiet kriminali jilledi d-dritt kostituzzjonali protett bil-kliem "permezz ta' rappresentanza legali". In vista tan-novità tal-każ, l-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza għandhom jibqgħu mingħajr taxxa;

Fl-aħħarnett, il-Qorti, għall-finijiet ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, tirrimetti l-proċess lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta fuq imsemmija.